**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Settembru 2017**

**Kawza Nru.**
**Rik. Nru. 1138/16 JZM**

**Carmelo sive Carl Debono [KI 582676M], Mark Anthony Debono [KI 124390M], Joseph Debono [KI 381774M] u Theresa Debono [KI 1015546M]**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` Marzu 2017 l-atti tal-kawza f`isem ir-rikorrenti Theresa Debono gew trasfuzi fil-persuna tar-rikorrenti l-ohra Joseph Debono, Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono stante l-mewt tal-istess Theresa Debono**

***u***

**b`digriet tas-6 ta` Gunju 2017 l-atti tal-kawza f`isem ir-rikorrent Joseph Debono gew trasfuzi fil-persuna tar-rikorrenti l-ohra Carmelo sive Carl Debono u Mark Anthony Debono**

***kontra***

**Ignatius Debono [KI 300540M]**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors ipprezentat fit-<u>3 ta` Jannar 2017</u> li jaqra hekk :–

*1. Illi in ottemporanza mad-digriet kamerali ta` din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti qeghdin jintavolaw dan ir-rikors;*

*2. Illi s-socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P 458) kostitwita nhar l-erbgha ta` Frar tas-sena elf disa` mija sebgha u tmenin (04.02.1987) tinsab xolta izda mhix stralcjata;*

*3. Illi l-esponenti qeghdin jintavolaw ir-rikors odjern inter alia ai termini tal-artiklu 37 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) sabiex l-imsemmija socjeta` f`isem kollettiv tigi stralcjata;*

*4. Illi ai termini tal-artiklu 37 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), ghandu jinhatar stralcjarju minn din l-Onorabbli Qorti sabiex iwettaq l-inkarigu tal-istralc;*

*5. Illi ai termini tal-artiklu 49 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), una volta l-imsemmija socjeta` f`isem kollettiv tkun stralcjata mill-istralcjarju mahtur, ikun imiss li r-Registratur tal-Kumpaniji jhassar l-isem tal-imsemmija socjeta` f`isem kollettiv mir-Registru tal-Kumpaniji u jippubblika avviz li l-istralc ikun gie finalizzat u li sar dak it-thassir mir-Registru;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin mill-gdid umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m`ghandhiex :*

*1. Tordna l-istralc tas-socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P 458) inter alia ai termini tal-artiklu 37 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta);*

*2. Tahtar stralcjarju sabiex iwettaq l-inkarigu tal-istralc, ai termini tal-artiklu 37 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta);*

*3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji, una volta l-imsemmija socjeta` f`isem kollettiv tkun stralcjata, sabiex ihassar l-isem tal-imsemmija socjeta` f`isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P 458) mir-Registru tal-Kumpaniji u jippubblika avviz li l-istralc ikun gie finalizzat u li sar dak it-thassir mir-Registru, ai termini tal-artiklu 49 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta pprezentata fis-6 ta` Frar 2017 li taqra hekk :–

***Dwar il-fatti***

*1. Illi l-fatti kif iddikjarati fl-ewwel paragrafu attrici mhumiex kontestati;*

*2. Illi l-paragrafi l-ohra attrici ma jikkontjenu l-ebda dikjarazzjoni ta` fatt ghal liema ghandu jwiegeb l-intimat;*

*3. Illi l-esponenti xtaq jippuntwalizza xi affarijiet :*

*(a) Is-socjeta` in kwistjoni kienet giet formata biss biex izzomm il-licenzja ta` Burdnar u dan billi missier ir-rikorrenti, Alfred, ma setax jopera ta` burdnar u lanqas ma kien permess li jitrasferixxi l-licenzja li kellu lil huh Ignatius Debono;*

*(b) Wara l-ittra ufficjali mibghuta minn huh Alfred Debono s-socjeta` kienet giet xolta, u kif jidher mid-dokumenti hawn annessi l-licenzja ghal liema kienet giet stabbilita ma kinetx giet imgedda ;*

*(c) Is-socjeta` in kwistjoni m`ghandhiex assi ;*

*(d) Illi r-responsabbilta` li r-Registratur tal-Kumpaniji jigi infurmat bix-xoljiment kien jispetta wkoll lil Alfred Debono, awtur tad-dritt tar-rikorrenti.*

***Twegiba***

*4. Fl-ewwel lok u preliminarjament ghandu jsir il-kjamat fil-kawza tas-socjeta` Ignatius and Alfred Debono Brothers u kif ukoll tar-Registratur tal-Kumpaniji; inoltre jrid isir legittimazzjoni tal-atti billi jirrizulta li fil-mori l-attrici Theresa Debono giet nieqsa;*

*5. Fit-tieni lok u fil-mertu l-esponenti jaqblu li s-socjeta` f`isem kollettiv Ignatius and Alfred Debono Brothers (P 458) giet xolta wara l-ittra ufficjali mibghuta minn Alfred Debono, u fi kwalsiasi kaz giet xolta b`effett tal-ligi wara gheluq tat-terminu ta` ghaxar snin wara l-4 ta` Frar 1987. Ghalhekk l-esponenti jaqblu li isem din is-socjeta` trid tithassar mir-Registru tal-Kumpaniji;*

*6. Fit-tielet lok l-esponenti jissottomettu bir-rispett li m`hemm xejn li jigi stralcjat f`dan l-istadju ghaliex l-uniku ass tal-kumpanija kienet il-licenzja ta` burdnar li kien inhareg fuq isem din is-socjeta` u li ggedditx wara li s-socjeta` de quo kienet giet xolta;*

*7. Fir-raba` lok, ghalhekk l-esponenti jissottometti bir-rispett li f`dan l-istadju m`hemm l-ebda htiega li jigi mahtur stralcarju izda minflok kull m`ghandu jsir huwa li r-Registratur tal-Kumpaniji, wara li johrog l-avvizi rikjesti mil-ligi, jistralcja l-istess socjeta` mir-Registru;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-atturi.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

**Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta` Gunju 2017 fejn kien dikjarat mir-rikorrenti illi huma ma talbux ix-xoljiment tal-*partnership* in kwistjoni peress li dan ilu zmien twil li gie xjolt. Anke skont l-intimat, il-*partnership* ilu xjolt ghal aktar minn ghoxrin sena.**

**Rat li r-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum dwar dik il-parti tar-risposta ta` l-intimat kif tinkwadra fil-parti mill-paragrafu 4 taht it-titolu "Twegiba", fejn preliminarjament l-intimat talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Ignatius and Alfred Debono Brothers, u kif ukoll tar-Registratur tal-Kumpanniji;**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Konsiderazzjonijiet

### 1. Generali

**L-Art 2 tal-Kap 386** jiddefinixxi *"socjeta` kummercjali" ("commercial partnership*" fit-test Ingliz) bhala "*kumpannija jew socjeta` kummercjali ohra iffurmata u registrata taht dan l-Att jew iffurmata u registrata taht l-Ordinanza, meta applikabbli"*.

Fl-Att dwar il-Kumpanniji, il-legislatur haseb ghal tliet tipi ta` socjetajiet kummercjali :-

1) is-socjeta` f`isem kollettiv, li hija regolata bil-Parti III tal-Kap 386 li jifrex minn Art 7 sa Art 50 ;

2) is-socjeta` in akkomandita, li hija regolata bil-Parti IV tal-Kap 386 li jkopri minn Art 51 sa Art 66A ; u

3) il-kumpannija ta` responsabilita` limitata li hija regolata minn parti kbira tal-istess Kap 386 u cioe` minn Art 67 sa Art 326.

Ix-xoljiment ta` socjeta` f`isem kollettiv huwa regolat bl-Art 35 tal-Kap 386 li jghid hekk :-

*Ikun hemm xoljiment ta` socjetà f`isem kollettiv –*

*(a) meta z-zmien stabbilit, jekk il-kaz, ghad-dewmien taghha jiskadi ;*

*(b) jekk, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 21, is-socji kollha hekk jiftiehmu ;*

*(c) jekk is-socjetà tkun dikjarata falluta ;*

*(d) jekk fil-fehma tal-Qorti jkun hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment ;*

*(e) jekk in-numru ta` socji jigi ridott ghal anqas minn tnejn u jibqa` hekk ridott ghal izjed minn sitt xhur ;*

*(f) bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 21, f`dawk il-kazijiet l-ohra li dwarhom ikun provdut fl-att tas-socjetà.*

**Hemm qbil bejn il-kontendenti illi s-socjeta` in kwistjoni hija diga` xjolta.**

**Il-kawza tal-lum tittratta talba ghall-istralc ta` din is-socjeta`.**

**2. <u>It-talba tal-intimat ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta` de qua</u>**

**L-eccezzjoni ddur mal-kwistjoni ta` min huma l-legittimi kontradditturi fi procediment ta` din ix-xorta.**

Fil-kawza fl-ismijiet : **<u>Daniel Borg vs Alfred Borg pro et noe</u>** : li kienet deciza fit-30 ta` Gunju 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta : kien eccepit fl-ewwel lok illi safejn l-azzjoni kienet diretta kontra l-intimat personalment, din kienet insostenibbli peress li l-Art 25(1) tal-Kap 386 jiddisponi illi safejn l-att tas-socjeta` ma jipprovdix mod iehor, l-amministrazzjoni u r-rapprezentanza tas-socjeta` tkun f`kull wiehed mis-socji individwalment, u fit-tieni lok illi l-intimat de proprio kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-azzjoni kellha tkun diretta kontra tieghu

nomine u cioe ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` *en nom kollettiv*, li skont il-ligi, dejjem tibqa` awtonoma u indipendenti mis-socji li jaghmlu s-socjeta`.

Il-Qorti qalet hekk :-

> *"Illi l-ewwel zewg eccezjonijiet ma jippresentawx xi diffikoltajiet kbar ghaliex kif irritieniet il-Qorti t`Ghawdex u sussegwentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Joseph Portelli vs Roger Portelli et nomine*** *(27 ta` April, 1988); Il-ligi ma taghmel ebda restrizzjoni dwar kontra min azzjoni bhal dik prezenti tista` tigi esercitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni ta` ligi li espressament tistabilixxi li azzjoni ta` xjoljiment ta` socjeta` ghanda tigi esercitata biss kontra d-diretturi in rapresentanza tas-socjeta` li taghha tkun qed tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-ligi li tghid li l-azzjoni ghal xoljiment ta` socjeta` ma tistax tigi esercitata kontra s-soci minbarra kontra d-diretturi in rapresentanza tas-socjeta`. Japplika ghalhekk il-principju generali li kull persuna ghandha interess tavvanza talba simili. Azzjonista jista` jkollu interess u dan l-interess ma jigix nieqes ghaliex l-azzjonista huwa fl-istess hin wiehed mid-diretturi tas-socjeta`.*
>
> *F`dik il-kawza l-konvenuti kienu gew imharrkin f`isimhom u bhala diretturi u in rappresentanza tas-socjeta` in kwistjoni – ezatt kif sar f`din il-kawza. Huwa minnu li l-kawza msemmija saret skond l-Ordinanza tal-1962 li kienet tirregola s-socjetajiet kummercjali u din giet illum rimpjazzata bl-Att XXV tal-1995 izda din il-ligi ma biddlet xejn sostanzjali dwar din il-materja.*
>
> *Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad l-ewwel zewg eccezjonijiet tal-konvenut."*

Fis-sentenza li tat fit-13 ta` Jannar 1984 fil-kawza : **Joseph Portelli vs Roger Portelli et noe** : il-Qorti tal-Magistrati ta` Ghawdex (Sede Kummerc) kienet qalet hekk :-

> *"1. Il-konvenuti jsostnu l-irritwalita` ta` l-azzjoni a bazi ta` l-allegazzjoni taghhom li huma "jew huma responsabbli personalment jew nomine, izda mhux fiz-*

*zewg vesti". L-attur fic-citazzjoni ppremetta li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta`, u fid-dikjarazzjoni tieghu jindika dawn ir-ragunijeit konsistenti f` nuqqasijiet tal-konvenuti u f` irregolaritajiet fl-agir taghhom. B` danakollu, l-attur mhux jitlob li xi had mill-konvenuti (jew haddiehor) jigi ddikjarat responsabbli ta` xi rregolarita`. It-talba hija ghax-xoljiment tas-socjeta` ghal ragunijiet gravi, irrispettivament ta` min hi r-responsabbilita` ta` dawk l-allegati ragunijiet konducenti ghal dak ix-xoljiment.*

*2. Fix-xoljiment tas-socjeta` indubjament ghandhom interess is-socjeta` nnifisha kif ukoll kull wiehed mill-azzjonisti. Il-legittimu kontraditturi f` azzjoni ghal xoljiment simili ghandhom ikunu s-socjeta` u dawk l-azzjonisti li ma jkunux l-atturi. Fil-kaz odjern, irrizulta li l-attur huwa wiehed mit-tliet membri tas-socjeta` in kwistjoni u l-konvenuti t-tnejn l-ohrajn. Il-konvenuti huma diretturi tas-socjeta` u ghandhom jirraprezentawha fi proceduri gudizzjarji. Ghalhekk l-attur jidher li pproceda korrettament kontra l-konvenuti fil-kwalitajiet kollha kif gew citati. Fi kwalunkwe kaz, in-nuqqas ta` interess guridiku f` xi wiehed mill-konvenuti talvolta jwassal ghal liberazzjoni ta` dak il-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju izda ma jgibx l-irritwalita` ta` l-azzjoni.*

*3. Fin-nota taghhom ta` l-osservazzjonijiet il-konvenuti ssottomettew li huwa kontradittorju li l-attur jipprocedi bl-azzjoni odjerna fil-waqt li ghadu, kif isostni hu, direttur tas-socjeta`. Issuggerew li l-attur kien ikun iktar logiku u konformi mieghu nnifsu kieku qabel ma` talab ix-xoljiment tas-socjeta`, irrizenja minn direttur. Ma jidhirx pero` li tali illogicita` jekk inhi hekk, da parti ta` l-attur talvolta tirrendi l-azzjoni rritwali. Il-ligi ma tipprekludix direttur ta` socjeta` milli jiddomanda x-xoljiment ta` dik is-socjeta` ."*

Sar appell.

Fis-sentenza li tat fis-27 ta` April 1988, il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

> *"Issa huwa evidenti li azzjonista bhal ma huwa l-attur appellat jista` jkollu dan l-interess u dan l-*

*interess ma jigix nieqes ghaliex l-azzjonista huwa fl-istess hin wiehed mid-diretturi tas-socjeta`.*

*...*

*Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti ta` l-appellanti li huma setghu jigu mharrkin bhala diretturi in rapprezentanza tas-socjeta`. Infatti, fil-petizzjoni ta` l-appell taghhom huma qeghdin jissottomettu ghar-raguni fuq imsemmija li kellha tkun biss is-socjeta` kif rapprezentata mid-diretturi li tigi mharrka. Dak li qeghdin jikkontestaw l-appellanti huwa li huma gew imharrka wkoll f` isimhom proprju.*

*Anke hawn il-Qorti ma taqbilx ma` din is-sottomissjoni ta` l-appellanti. Il-ligi ma taghmel l-ebda restrizzjoni dwar kontra min azzjoni bhal dik prezenti tista` tigi ezercitata. Ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi li espressament tistabbilixxi li azzjoni ghax-xoljiment ta` socjeta` ghandha tigi ezercitata biss kontra d-diretturi in rapprezentanza tas-socjeta` li taghha tkun qed tintalab ix-xoljiment. Ma hemm xejn fil-ligi li jghid li l-azzjoni ghal xoljiment ta` soceta` ma tistax tigi wkoll ezercitata kontra s-socji minbarra kontra d-diretturi in rapprezentanza tas-socjeta.*

*Jista jizdied li ghalkemm l-azzjoni prezenti ghandha bhala skop taghha x-xoljiment ta` socjeta` (u din hija, kif ga` nghad, rapprezentatata mill-konvenuti qua diretturi) ma jistax jinghad li l-konvenuti f` isimhom proprju bhala azzjonisti m` ghandhomx interess fl-ezitu tal-kawza odjerna li proprju tolqot l-ezistenza o meno ta` socjeta` li fiha ghandhom interess bhala socji. Huwa sitomatiku li l-konvenuti f` isimhom proprju qatt ma allegaw li m` ghandhomx interess fl-azzjoni odjerna, liema nuqqas ta` interess, kieku kien hemm dan in-nuqqas, kien iwassal ghal-liberazzjoni taghhom mill-osservanza tal-gudizzju f` isimhom proprju, izda mhux ghall-irritwalita` ta` l-azzjoni u ghac-cahda tat-talba ta` l-attur, kif qeghdin jippretendu l-appellanti.”*

Tajjeb jigi rimarkat illi dan kien kaz fejn il-principji tad-dritt kienu regolati bil-Commercial Partnerships Ordinance billi l-Att dwar il-Kumpanniji sar ligi tal-pajjiz fl-195.

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 22 ta` Novembru 2012 : **Mary-Ann Caruana kontra Sanzeo Malta** ; u Prim`Awla tal-Qorti Civili : 27 ta` April 2017 : **Stephen Magri et vs Emanuel sive Noel Magri et**)

**Abbazi ta` l-premess, fil-kazi ta` xoljiment u stralc ta` socjeta` en nom collectif, is-socjeta` dejjem tigi mharrka bhala wahda mill-intimati jew, xi mindaqqiet, addirittura bhala l-unika intimata.**

**Issa d-differenza fil-kaz tal-lum tinsab fil-fatt illi l-kwistjoni bejn il-partijiet tittratta biss l-istralc ghaliex il-kontendenti qablu li s-socjeta` hija xjolta.**

**Ir-rikorrenti jaghmlu l-argument illi s-socjeta` ma tistax tkun imsejha bhala intimata ghaliex effettivament hija xjolta u li jonqos huwa li tkun stralcjata.**

Fid-decizjoni li tat fis-26 ta` Mejju 2016 fil-kawza : **De Haan Transport (Malta) Limited et noe vs ACE Shipping Limited et** : din il-Qorti kif presjeduta qalet hekk :-

> *"Dan premess, ghandu jinghad li l-istat ta` stralc ta` socjeta` kummercjali kien deskritt tajjeb hafna fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tas-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza* ***"Caruana et vs Debono et"*** *fejn kien rimarkat hekk :-*
>
> *"L-istralc hu dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci, jew mill-Qorti, biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in korso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta`, biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jinqasam jew*

*passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistghax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda; ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu. Ghaldaqstant, fil-likwidazzjoni tas-socjeta` ghandhom jigu komprizi biss l-operazzjonijiet li kienu ga bdew u kienu ghadhom in korso fid-data tax-xoljiment tas-socjeta` u gew terminati wara."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Mejju 1993 fil-kawza* ***"Bondin vs Vella noe"*** *intqal illi :-*

*" … wara r-risoluzzjoni tax-xoljiment l-iskop tas-socjeta` jinbidel u jittrasforma ruhu minn dak ta` prosegwiment ta` attivatijiet normali kummercjali ghal dak ta` realizzazzjoni ta` l-assi u hlas tal-passivita` u distribuzzjoni bejn is-socji ta` dak li jkun baqa` biex is-socjeta` tigi estinta.*

*Tajjeb ukoll li jigi precizat illi l-funzjoni tal-likwidatur appuntat mis-socji ta` socjeta` dixxjolta` huwa dak li inter alia jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta` (Vol XVI p.11 p. 69), jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonjijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv u jahseb ghat-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandhu jittiehed mis-socjeta` f` daqqa wahda jew b` rati skond kif l-attiv tas-socjeta` jippermetti."*

…

*Fl-isfond tal-gurisprudenza u ta` dak li tghid il-ligi, sabiex jinbeda l-process ta` stralc, irid jinhatar stralcjarju li jkollu s-setghat inter alia li jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija, li jirrelata dwar il-gradwazzjoni tad-djun, li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi tal-kumpannija, li jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija."*

**Ghall-fini ta` kompletezza, il-Qorti sejra ticcita wkoll mid-dottrina Ingliza li, ghalkemm tittratta dwar kumpanniji, jidhrilha li tghodd ukoll *mutatis mutandis* ghal socjetajiet en nom collectif fil-kuntest Malti.**

Fil-Pag 654 ta` **Mayson, French & Ryan on Company Law** (2009-2010 : 26th Edition : OUP) jinghad hekk :-

*The **end result** of the liquidation (or winding up, the terms are used interchangeably) of a company is that the company ceases to exist. The purpose of a liquidation procedure is to ensure that, before the company`s existence ceases, all its affairs are dealt with (or wound up) which means removing the company from all its legal relationships. Its contracts must be completed, transferred or otherwise brought to an end ; it must cease carryinmg on business ; its liabilities must be met, as far as possible ; legal proceedings to which it is a party must be determined. The members are entitled to benefit from any property remaining unless the articles oprovide otherwise, Surplus non-cash assets may be sold and the proceeds distributed to the members. **Finally the company must be removed from the register and dissolved**.* (ensai u sottolinear ta` din il-qorti).

Fil-Pag 677 ta` **Company Law** (Fourth Edition – OUP) **Brenda Hannigan** tghid :-

*Winding up is a term commonly associated with the ending of a company`s existence. In fact, winding up or liquidation (the terms are synonymous) is the process by which the assets of the company are collected in and realized, its liabilities discharged and the net surplus, if there is one, distributed to the persons entitled to it. **Only when this has been done is the company`s existence finally terminated by a process known as dissolution**.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

**Fid-dawl ta` l-premess, il-Qorti tafferma illi ghalkemm is-socjeta` de qua hija xjolta, ma jfissirx illi hija estinta jew waqfet tezisti.**

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art 49(1) tal-Kap 386.

Huwa biss meta jkunu approvati l-kontijiet li l-istralċjarju għandu jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż ta` dik l-approvazzjoni u r-Reġistratur għandu jirreġistrah kif ukoll jippubblika avviż li l-istralċ ikun ġie finalizzat u li sar dak it-tħassir mir-reġistru. Ghad illi socjeta` tkun giet xolta, li jsir wara li ssir ir-realizzazzjoni ta` l-assi u tithallas il-passivita`, u jekk ikun il-kaz, issir id-distribuzzjoni bejn is-socji ta` dak li jkun baqa`. Wara dan kollu s-socjeta` tigi estinta.

**Ghalhekk wara x-xoljiment ta` socjeta`, ikun imiss, kif diga` rajna, li jigi kondott u konkluz l-istralc. It-tnejn imorru flimkien.**

**Il-kawza tal-lum kienet il-konsegwenza tal-fatt illi ghal xi raguni, li ghad trid tirrizulta `l quddiem, ix-xoljiment tas-socjeta` ma kienx segwit mill-istralc taghha.**

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-Art 44(1) tal-Kap 386.

Il-ligi tahseb sabiex jigi appuntat stralcjarju sabiex jirraprezenta lis-socjeta` u jkollu setgha li jaghmel dak kollu li jwassal u li jkun ancillari ghall-istralc tan-negozju tas-socjeta` u ossija fost affarijiet ohra jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta`, jaghmel pjan ta` distribuzzjoni ta` l-attiv u jahseb ghat-tqassim meta l-imsemmi pjan ikun approvat.

Li kieku saret il-hatra tal-istralcjarju f`waqtha u cioe` wara x-xoljiment tas-socjeta`, din il-procedura ma kinitx tkun mehtiega.

Ghalhekk fl-istat li tinsab fih is-socjeta` llum, minkejja li giet xjolta, xorta wahda kellha tkun inkluza bhala parti fil-procediment tal-lum. Isem is-socjeta` ghadu registrat fir-Registru. Skont l-Art 4(4) tal-Kap 386, socjeta kummercjali ghandha personalita guridika taghha u tibqa` tezisti sakemm l isem ma jkunx imhassar mir-Registru.

Fil-Pag 127 tal-ktieb "**The Law on Commercial Partnerships in Malta**" il-**Professur Felice Cremona** jghid :-

*On dissolution of a commercial partnership the process of winding up is set in motion.*

*The commercial partnership continues to have legal personality distinct from that of the members.*

(ara wkoll : Qorti tal-Appell : 5 ta` Ottubru 2001 : **<u>Perit Joseph Barbara et vs Abdullah Abouaishi El Ferghani noe</u>**)

**Meqjusa l-kwistjonijiet kollha ta` fatt u ta` dritt attinenti ghal din il-kwistjoni, il-Qorti hija tal-fehma li ghad illi s-socjeta` de qua kienet xjolta qabel saret din il-kawza, xorta wahda kellha tkun inkluza bhala parti fil-kawza li titratta propju l-istralc tal-istess socjeta`.**

**Bhala punt ta` dritt, is-socjeta` de qua m`ghandhiex tkun eskluza a priori bhala parti (kif qeghdin jikkontendu r-rikorrenti) mill-process ta` l-istralc taghha. Is-socjeta` ghandha certament ghandha interess li tkun parti fil-procediment tal-lum ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Il-Qorti qeghda tilqa` dik il-parti tal-eccezzjoni tal-intimat ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta` de qua.**

3. <u>It-talba tal-intimat ghall-kjamata fil-kawza tar-Registratur tal-Kumpanniji</u>

Dwar il-pozizzjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji, jinghad li fil-kaz ta` xoljiment u stralc ta` kumpannija ta` responsabbilita` limitata, l-Art 218(8) tal-Kap 386 jistipola illi malli jsir rikors ghal stralc, kopja tieghu ghandha tintbaghat minnufih mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm fid-disposizzjonijiet relatati ma` xoljiment u stralc ta` socjeta` f` isem kollettiv ma hemmx disposizzjoni simili ghad-disposizzjoni appena citata, fl-artikoli relatati mal-procedura ta` stralc ta` socjeta` f` isem kollettiv, issir referenza ghal notifiki li ghandhom isiru lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Fost ohrajn, insibu s-segwenti referenzi ghar-Registratur tal-Kumpanniji :

Skont l-artikolu 36(1) tal-Kap 386, max-xoljiment tas-soċjetà, is-soċji li jkollhom l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza tagħha għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tax-xoljiment.

Fl-artikolu 37(3) tal-Kap 386, l-istralcjarju ghandu jikkonsenja lir-Registratur ghar-registrazzjoni u publikazzjoni avviz tal-hatra tieghu.

Ai termini ta` l-artikolu 49(1) tal-Kap 386, meta jkunu approvati l-kontijiet, l-istralċjarju għandu jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż ta` dik l-approvazzjoni u r-Reġistratur għandu jirreġistrah, kif ukoll ghandu jħassar l-isem tas-soċjetà mir-reġistru filwaqt li jippubblika avviż li l-istralċ ikun ġie finalizzat u li sar dak it-tħassir mir-reġistru.

L-artikolu 49(2) jistipola li meta l-mod li bih is-soċjetà għandha tiġi stralċjata jkun provdut fl-att ta` assoċjazzjoni jew ikun stabbilit bi ftehim bejn is-soċji, ikun id-dmir tas-soċji li jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni nota, iffirmata minnhom kollha li l-istralċ ikun ġie finalizzat u r-Reġistratur għandu minnufih jirreġistrah ; iħassar l-isem tas-soċjetà mir-reġistru u jippubblika avviż li l-istralċ ikun ġie finalizzat u li jkun sar dak it-tħassir.

Imbaghad fl-artikolu 50(1) tal-Kap 386, il-legislatur haseb sabiex f` kaz fejn ma jkunx hemm stralċjarju u s-soċji ma jkunux ħatru l-imsemmija persuna fejn dik il-persuna ma taċċettax il-ħatra, il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti għandhom jiġu konsenjati lir-Reġistratur u r-Reġistratur għandu jżomm dawn il-kotba u d-dokumenti għall-imsemmi żmien ta` għaxar snin.

Fl-artikolu 50(2) tal-Kap 386, meta persuna tkun ġiet magħżula biex iżżomm il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti tas-soċjetà, jew fejn is-soċji ma jkunux wasslu biex jagħżlu persuna bħal dik, is-soċji għandhom jgħarrfu b`dan lir-Reġistratur mentri fis-subartikolu (4), hemm imnizzel li jekk l-istralċjarju jew il-persuna magħżula mis-soċji biex iżżomm il-kotba u d-dokumenti tas-soċjetà tmut, l-eredi tagħha għandhom jgħaddu dawk il-kotba u d-dokumenti tas-soċjetà lir-Reġistratur fi żmien sitt xhur, u r-Reġistratur għandu jżommhom għall-bqija taż-żmien preskritt fis-subartikolu (1).

Din il-Qorti tqis li r-referenzi li saru ghar-Registratur tal-Kumpanniji fid-disposizzjonijiet rigwardanti l-procedura ta` stralc ta` socjeta f` isem kollettiv huma bil-wisq indikattivi illi bhal fil-kaz ta` kumpannija ta` responsabbilita` limitata, il-legislatur ried biss li r-Registratur jkun notifikat bil-procedura ta` stralc.

Dan ifisser illi mhuwiex rekwizit *ad validitatem* illi r-Registratur jkun parti fil-kawzai stante li waqt proceduri ta` stralc, l-istralcjarju jew is-socji f` certu kazijiet, ikollhom l-obbligu li jinnotifikaw lir-Registratur tal-Kumpanniji b` dawk l-atti msemmija fid-disposizzjonijiet legali u r-Registratur ikollu imbaghad, l-obbligu li jemani mill-istess disposizzjonijiet legali, li meta l-istralc jkun finalizzat, awtomatikament jipprocedi biex inehhi l-isem tas-socjeta` mir-registru apozitu.

Dan premess ghall-fini ta` kjarezza fil-punti ta` dritt.

Fl-istess waqt il-Qorti trid ta` bilfors toqghod fuq il-binarji tal-kawza li tqieghdu ghad-decizjoni taghha mill-partijiet.

Fil-hames premessa tar-rikors promotur intqal :

> *"Illi ai termini tal-artikolu 49 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta), una volta l-imsemmija socjeta` f` isem kollettiv tkun stralcjata mill-istralcjarju mahtur, ikun imiss lir-Registratur tal-Kumpanniji jhassar l-isem tal-imsemmija socjeta` f` isem kollettiv mir-Registru tal-Kumpanniji u jippubblika avviz li l-istralc ikun gie finalizzat u li sar dak it-thassir mir-Registru."*

B`zieda ma` dan , fit-tielet talba intalab specifikament illi :

> *"tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji, una volta l-imsemmija socjeta` f` isem kollettiv tkun stralcjata, sabiex ihassar l-isem tal-imsemmija socjeta` f` isem kollettiv "Ignatius and Alfred Debono Brothers" (P 458) mir-Registru tal-Kumpanniji u jippublika avviz li l-istralc ikun gie finalizzat u li sar dak it-thassir mir-Registru, ai termini tal-artikolu 49 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta)."*

Din il-Qorti tara li peress li kienet inkluza tali talba specifika mir-rikorrenti, ir-Registratur tal-Kumpanniji ghandu jkun parti ta` dan il-procediment.

Huwa minnu li l-obbligu tar-Registratur li jhassar l-isem tas-socjeta` f`isem kollettiv huwa wiehed espress fil-ligi f` kaz li l-process ta` stralc jkun gie finalizzat.

Madanakollu ladarba, ir-rikorrenti hassew il-htiega li jaghmlu talba apozita sabiex tiskatta l-applikazzjoni ta` l-Art 49 tal-Kap 386, ir- rikorrenti kellhom iharrku lill-istess Registratur bhala intimat.

Ladarba r-Registratur tal-Kumpanniji ma kienx parti fil-kawza, il-Qorti ma tistax, quddiem talba hekk specifika, tkompli biex takkolji l-istess tielet talba, f` kaz ta` ezitu favorevoli ta` l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti. Sentenza tista` tinghata biss fir-rigward ta` l-intimati u r-Registratur tal-Kumpanniji ma jinkwadrax bhala wiehed mill-intimati f` din il-kawza.

Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku ma saritx din it-tielet talba, peress li f` kaz ta` ezitu favorevoli ta` l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, il-procedura ta` stralc tas-socjeta` f` isem kollettiv kienet tigi regolata bid-disposizzjonijiet applikabbli ai termini ta` l-artikoli 36 sa 50 tal-Kap 386 u fl-istadju ta` finalizzar ta` l-istralc, ir-Registratur tal-Kumpanniji (minghajr bzonn ta` l-ebda ordni ta` Qorti) kien jghaddi ghat-thassir ta` l-isem tas-socjeta` f` isem kollettiv mir-Registru tal-Kumpanniji. Din il-Qorti tqies li kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti fis-sens li r-Registratur tal-Kumpanniji ma ghandhux interess guridiku fil-proceduri odjerni, l-istess Registratur tal-Kumpanniji ghandu interess guridiku gialadarba r-rikorrenti ghazlu li jindirizzaw talba specifika biex tinghata ordni lir-Registratur tal-Kumpanniji.

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` dik il-parti tar-risposta ta` l-intimat kif tinkwadra fil-parti mill-paragrafu 4 taht it-titolu "Twegiba", fejn preliminarjament l-intimat talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` en nom collectif Ignatius and Alfred Debono Brothers, u kif ukoll tar-Registratur tal-Kumpanniji.**

**Ghalhekk qeghda tordna l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` en nom collectif Ignatius and Alfred Debono Brothers, u kif ukoll tar-Registratur tal-Kumpanniji.**

**Tordna n-notifika tal-atti lill-kjamati fil-kawza s-socjeta` en nom collectif Ignatius and Alfred Debono Brothers, u Registratur tal-Kumpanniji, u taghtihom zmien ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex jipprezentaw risposta.**

**Tordna li n-notifika tal-kjamati fil-kawza ssir provvizorjament a spejjez tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez relatati mal-provvediment tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**